**Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali**

**Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali, jixtieq jidentifika persuni idoneji li jistgħu jiġu rakkomandati biex jokkupaw il-Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fill-Kunsilli Lokali/Reġjonali elankati f'Annex B.

**Tul tal-assignment u kundizzjonijiet**

2.1 Il-kandidati magħżula ser jiġu rrakkomandati lill-Kunsilli elenkat f'Annex B', u jekk dawn jiġu magħżula minn Kunsill, jiffirmaw ftehim ta' tliet snin (3) bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill rispettiv. Tali ftehim jista' jiġġedded għal perjodi ulterjuri, kif meħtieġ.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Il-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija pożizzjoni b'Objective Reason skont Regolament 7 (4) (e) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 bit-titolu "Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss.". Din il-pożizzjoni hija meqjusa bħala pożizzjoni ta' fiduċja li tikkonstitwixxi 'objective reason' skont l-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja.

2.4 Segretarju Eżekuttiv li jkollu esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata, se jkun intitolat li jirċievi status ta' Officer in Grade abbażi ta' 'notional basis', wara t-tmiem ta' erba' (4) snin ta' servizz b'suċċess, addizzjonalment mal-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, u suġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, kif indikat iktar 'l isfel.

2.5 Segretarju Eżekuttiv hu intitolat li jibbenefika u li jinħatar bħala Officer in Grade wara li jkun issodisfa l-kriterji fil-paragrafu 2.4 hawn fuq. L-istatus ta' Officer in Grade għandu jirrifletti l-iskala tas-salarju kif indikat fissubparagrafu 2.6 jew 2.8 iktar 'l isfel kif hu applikabbli.

2.6 Tali uffiċjali se jiġu mpoġġija fuq Skala ta' Salarju li tiġi waħda anqas mill-Iskala ta' Salarju attwali kif dettaljata fil-pożizzjoni tagħhom iżda fuq l-istess tarġa tas-salarju li attwalment qegħdin fiha.

2.7 Sakemm dawn id-dispożizzjonijiet jiġu osservati, dawk appuntati bħala Officer in Grade se jiġu, dejjem jekk mhux diġà qed jokkupaw pożizzjoni ekwivalenti jew ogħla, obbligati li jaqdu dmirijiet kif indikat mill-management minn żmien għal żmien fil-livell ta' responsabbiltà rispettiva proporzjonata mal-Iskala ta' Salarju li jkunu marbuta magħha. Barra minn hekk, bħala Officers in Grade, dawn m'għandhomx aktar jibbenifikaw minn allowances li joħorġu mill-kundizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti għas-Segretarji Eżekuttivi, hekk kif ikun applikabbli minn żmien għal żmien, jekk ma jibqgħux jaqdu dmirijiet bħala Segretarji Eżekuttivi. F'dawn il-każijiet id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (LGD) għandha d-dritt tal-ewwel rifjut li jingaġġa s-servizzi ta' tali uffiċjali.

2.8 Mat-tmiem b'suċċess ta' perjodu addizzjonali ta' tliet (3) snin, addizzjonalment u aggregat ma' subparagrafu 2.1 iktar 'il fuq, kif ukoll suġġett għal livell ta' servizz sodisfaċjenti, uffiċjali pubbliċi appuntati fil-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv ikunu eliġibbli li jiġu appuntati bħala Officer in Grade fl-istess skala bħal dik tal-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti.

2.9 Mal-ingaġġ, is-salarju bażiku tal-impjegat jiġi allinjat ma' dak ta' Segretarju Eżekuttiv f'dak il-Kunsill rispettiv, skont id-dispożizzjonijiet legali tar-Regolamenti dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363, Liġijiet ta' Malta u leġiżlazzjoni sussidjarja relatata). L-istess prinċipji għandhom japplikaw fil-każ tal-grad sostantiv.

2.10 Segretarju Eżekuttiv huwa obbligat illi minn żmien għal żmien jattendi programmi ta' taħriġ hekk kif indikat lilu mil-LGD.

2.11 Terminazzjoni mill-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija fir-responsabbiltà tal-Kunsill rispettiv.

2.12 Tneħħija minn Uffiċjal Pubbliku ssir skont ir-Regolament dwar Dixxiplina fis-Servizz Pubbliku.

2.13 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni

ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru 2023 u li dahal fi-sehh fl-1 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Għażla se jiwaluta l-impjiegi precedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq. b. Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw hatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta’ interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli hawn).

**Salarju marbut mal-pozizzjoni**

3. Ir-rimunerazzjoni li ġejja bbażata fuq l-iskali tas-salarji tas-Servizz Pubbliku, u skont ir-Regolament 4(2) tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (Leġislazzjoni Sussidjarja 363.20), għandha titħallas lis-Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali/Reġjonali.

3.1 Fejn id-daqs tal-Kunsill huwa:

i. 9 sa 13-il membru, mhux aktar mill-massimu ta’ Skala 5
ii. 7 membri, mhux aktar mill-massimu ta’ Skala 6
iii. 5 membri u Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Reġjonali, mhux aktar mill-massimu ta’ Skala 7.

3.2 Persuni impjegati bħala Segretarji Eżekuttivi għall-ewwel darba, jitħallsu bit-tieni livell taħt il-massimu tal-iskala rispettiva. Is-Segretarji Eżekuttivi li jkollhom il-kuntratt tagħhom imġedded mill-istess Kunsill, ma jkunux suġġetti għall-ebda żmien ta’ prova.

3.3 Segretarju Eżekuttiv li l-kuntratt tiegħu mal-Kunsill jiġi tterminat u jidħol f’kuntratt ġdid ma’ Kunsill differenti, għandu jkun suġġett għal perjodu ta’ prova ta’ sena u għandu jitħallas il-massimu tas-Skala ta’ Salarju relattiva.

3.4 Segretarju Eżekuttiv huwa intitolat ukoll għal benefiċċji kif elenkat:

i. Performance Bonus sa massimu ta’ 15% skont il-policy u l-proċeduri fis-seħħ minn żmien għal żmien u suġġett ukoll għal prestazzjoni sodisfaċenti (sa 10% determinat mill-Kunsill u sa 5% ieħor determinat mil-LGD);
ii. Disturbance Allowance ta’ €1,500 fis-sena għal Skala ta’ Salarju 5, u €1,000 fis-sena għal Skali ta’ Salarju 6 u 7;
iii. All-inclusive Communication Allowance ta’ €815 fis-sena;
iv. All-inclusive Transport Allowance ta’ €1,000 fis-sena.

3.5 Fil-każ ta’ uffiċjali pubbliċi/impjegati tas-Settur Pubbliku, dawn huma intitolati li:

i. Iżommu d-drittijiet kollha li jgawdu fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku matul il-perjodu tal-ingaġġ mal-Kunsilli Lokali/Reġjonali;
ii. Iżommu s-substantative grade/indefinite status tagħhom mas-Servizz Pubbliku ta’ Malta jew entità tas-Settur Pubbliku li kienu impjegati magħha;
iii. Ikollhom il-perjodu tal-ħatra tagħhom bħala Segretarju Eżekuttiv meqjus bħala ‘Service in the Grade’ għall-fini tal-komputazzjoni tat-tul tas-servizz, anzjanità, salarju, progressjoni u, fejn applikabbli, għal skopijiet tal-pensjoni tat-Teżor.

**Dmirijiet**

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta’ Segretarju Eżekuttiv jinsabu fl-'Annex A' ma’ din iċ-Ċirkolari.

**Postijiet Vakanti Attwali fi ħdan il-Kunsilli**

5. Il-lista li turi l-postijiet vakanti attwali fi ħdan il-Kunsilli u l-iskala tal-paga rispettiva tinsab f'Annex B ma' din iċ-Ċirkulari. L-applikanti jiġu kkunsidrati wkoll biex jimlew kwalunkwe vakanza futura f'din il-pożizzjoni fil-Kunsilli kif jista' jinqala'.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbilita'**

6.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta 'din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. Ċittadini ta' Malta;
ii. Proficjenti u kapaċi jikkomunikaw b 'mod effettiv kemm verbalment kif ukoll bil-miktub bil-lingwa Maltija u Ingliża.

**U**

iii a. Fil-pussess ta' Masters degree rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management jew f' oqsma relevanti kif determinat mill-Management.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet talklawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi verifikat mill-MQRIC jew l- Universita' ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

**JEW**

b. Fil-pussess ta' Degree Baċellerat rikonoxxut f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti relevanti kif determinat mill-Management b'sentejn (2) esperjenza ta' xogħol relevanti.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 taddokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Universita` ta' Malta (mogħtija qabel 2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabli sakemm jiġi verifikat mill-MQRIC jew l-Univerista`ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

**JEW**

c. Fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta f'livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-Management b' (5) snin esperjenza ta' xogħol relevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma 60 ECTS krettu, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġetti għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet talklawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

**JEW**

d. Fil-pussess ta 'kwalifika rikonoxxuta fil-livell 4 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 120 krettu ECTS, jew ekwivalenti*) fil-Business Administration jew Management jew f'oqsma tas-suġġetti relevanti kif determinat mill-Management b'seba' (7) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120 krettu ECTS, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet talklawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali).

**JEW**

e. Uffiċjali Pubbliċi fi Skali ta' Salarju 5 sa 7 (iż-żewġ skali inklużi) u impjegati fis-settur Pubbliku f'livell komparabbli ta' responsabbiltà.

**JEW**

f. Uffiċjali pubbliċi fi Skali ta' Salarju 8-11 (iż-żewġ skali inklużi) u impjegati fis-settur Pubbliku f'livell komparabbli ta' responsabbiltà, bi tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol relevanti.

**iv. Uffiċjali Pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni jridu jiġu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/career stream differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni aktar baxxa anke jekk ma tkunx ikkonfermata u jekk tkunx fl-istess stream jew le.**

6.2 (i) kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhumiex approvati għall-kwalifika speċifikata f 'paragrafu 6.1 jew kif indikat f' paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MLT.pdf xorta jiġu kkunsidrati sakemm jissottomettu evidenza li qegħdin fl-aħħar fażi tal-kors tagħhom li jwassal għal tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jiksbu, jew jiġu approvati, għall-għoti ta' tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk din l-iskadenza stipulata għall-kisba ta' din il-kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra tiġi, għal din ir-raġuni, terminata awtomatikament.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell ogħla tal-MQF minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b' suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell meħtieġ tal-MQF, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnotaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC jew awtoritajiet maħtura oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-link hawn taħt).

(a) il-perjodu ta' prova u l-intitolament ta' progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) dawk il-persuni maħtura ma jibbenifikaw mill-ebda allowance sakemm jiksbu jew jiġu approvati għall-kwalifika indikata msemmija fi klawsola 6.1 jew 6.2.

6.3 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw minnufih lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat ikun għadu ma ġiex ippubblikat, f 'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant) jew lit-taqsima tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-ministeru/dipartiment li jkun ħareġ is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom sad-data tal-għeluq, jew malli jissejħu għall-ħatra bħala riżultat, ta' din is-sejħa għall-applikazzjoni, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla se jitlob lill-kandidat jiddikjara kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/trankrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal fuq https://recruitment.gov.mt.

7.2. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu żewġ referenzi aċċettabbli bil-miktub.

7.3 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew it-testimonjanzi għandhom dejjem jintwerew għall-verifika waqt l-intervista.

7.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-hatra.

**Proċeduri tal-Għażla**

8.1 Is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandha tindika l-Kunsilli Lokali/Reġjonali fejn teżisti vakanza/vakanzi għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. Għandha tingħata wkoll informazzjoni lill-kandidati li, minkejja li jkunu ġew indikati mill-Bord tal-Għażla bħala idoneji għall-pożizzjoni, dan ma jwassalx awtomatikament għall-ħatra għall-pożizzjoni. Il-ħatra tkun suġġetta għall-aċċettazzjoni mill-Kunsill Lokali/Reġjonali rispettiv.

8.2 L-applikanti jistgħu jindikaw bħala preferenza tliet (3) Kusilli Lokali/Reġjonali.

8.3 Il-Pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv hija kklassifikata bħala pożizzjoni suġġetta għal Objective Reason taħt id-dispożizzjonijiet tal-L.S. 452.81.

8.4 Il-kandidati eliġibbli jiġu infurmati jekk instabux idoneji jew le. Il-lista ta' kandidati idoneji tibqa' valida għal perjodu ta' 12-il xahar u l-kandidati jiġu proposti lill-Kunsilli elenkati f'Annex B.

8.5 Kandidati li jinstabu mhux idoneji mill-Bord tal-Għażla jistgħu jippreżentaw petizzjoni quddiem il-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data li fiha jiġu infurmati bir-riżultat fir-rigward tagħhom.

8.6 L-ismijiet u d-dokumentazzjoni ppreżentati mill-kandidati li jinstabu xierqa mill-Bord tal-Għażla jiġu mgħoddija lill-Kunsill/i indikati bħala preferenza mill-kandidat għal aċċettazzjoni eventwali jew mod ieħor mill-Kunsill.

8.7 Mal-ħatra l-persuna magħżula għandha b'seħħ immedjat tiġi assenjata mal-Kunsill elenkat f'Annex B fil-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv.

8.8 Ladarba kandidati xierqa jiġu riferuti lill-Kunsill u tinħareġ ħatra jew inkella l-proċess tal-għażla għall-pożizzjoni reklamata f 'dak il-Kunsill titqies bħala magħluqa u ma jkunx hemm aktar referenza ta' xi kandidati li jkun fadal.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

9.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Gvern Lokali, Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** f'dan l-indirizz: https://recruitment.gov.mt. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **l-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar Il-Gimgħa 24 ta' April 2026** Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

9.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

9.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

9.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

10. **Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:**

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- applikazzjonijiet laterali;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- kwalifiki f'livell ogħla;
- livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
- rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- eżami mediku;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf jew jinkisbu mid-Diviżjonigħall-Gvern Lokali, 26, Triq l-Arċisqof, il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali

għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma https://divizjonitalgvernlokali.gov.mt, +356 2090 8600 u hr.dlg@gov.mt.